MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 871/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Grace Cini**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat 30 ta' April, 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disgha liri maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm509.97) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 6692 in rigward ghal servizz lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Mejju 2002 u Ottubru 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2003, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat

kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikati, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konveuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u u disgha liri maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm509.97), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ l-Avviz u dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------